Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,243, 2 ta' Awwissu, 2019
Taqsima B

A.L. 183 tal-2019

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 84 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Ħames Skeda". Kap. 318.

Jemenda l-Ħames Skeda.

2. Fil-punt 9 tat-Taqsima II tal-Ħames Skeda, taħt l-intestatura "Mard Endokrinali", minnufih wara l-paragrafu "(i) Adenomi tal-Pitwitarja" għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(j) Tkabbir tal-prostata beninja".

3. Fil-punt 12 tat-Taqsima II tal-Ħames Skeda, taħt l-intestatura "Mard Rewmatiku", il-kliem "Artrite seronegattiva" tal-paragrafu (g) għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "Spondiloartrite".